**Name:** inews

**Article Title:** Teknologija li tkessah xarba f'45 sekonda

**Audience**: General

**Media:** Online

**Date:** 17.SEP.2013

**URL:** www.inewsmalta.com/dart/20130917-teknolo-ija-li-tkessa-xarba-45-sekonda

iNEWS MALTA

Lokali | Id-dettall | Barranin | Sport | Editorjal | Madwarna | Ritratti | Filmati | Bloggers | Deal Today




**L-aħħar aħbarijiet**

08:12 "Ried jgħatti xturu" - ...
08:00 Aġġornat (2): It-tarbija ...
21:48 Bil-ftehim maċ-Ċina ...
18:27 Daqqa ta' €500,000 għal ...
17:41 Oppożizzjoni li timxi ...
16:21 L-Imħallef Quintano kien ...

**Popolari**

Aġġornat (2): It-tarbija ...
Aġġornat: Fdalijiet ta' ...
Aġġornat: "Kien hemm ħafna ...

# Teknoloġija li tkessaħ xarba f'45 sekonda

13:08 | 17.09.2013




Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea għandu l-għan li jnaqqas l-emmissjonijiet mill-'fridges' u l-'freezers'.

Huwa stmat li madwar l-Ewropa, il-'fridges' u l-'freezers' kummerċjali jikkunsmaw madwar 85TWh ta' elettriku fis-sena, daqs kemm jużaw enerġija 'il fuq minn 20 miljun dar.

RapidCool, proġett innovattiv iffinanzjat minn fondi Ewropej għar-riċerka, jgħin inaqqas l-ammont ta' enerġija li stabbilimenti jużuaw biex ikessħu x-xorb qabel ma jbigħuh, b'hekk ikunu qed inaqqsu l-ispejjeż tagħhom waqt li jgħinu fil-ħarsien tal-ambjent.

Dan l-apparat ikessaħ xorb fil-bottijiet u l-fliexken minn temperatura ambjentali għal 4°C f'45 sekonda. B'hekk ma jkunx hemm għalfejn li l-'fridges' jitħaddmu lejl u nhar biex ix-xorb ikun kiesaħ waqt il-ħin tal-ftuħ tal-istabbiliment. Riżultati juru tnaqqis ta' aktar minn 80% fil-konsum tal-enerġija meta mqabbel ma' 'fridges' miftuħa u ta' 54% meta mqabbel ma' 'fridges' bil-bibien tal-ħġieġ (iċ-ċifri huma bbażati fuq it-tkessiħ ta' 200 bott ta' 500ml kuljum).

B'hekk jiġu ffrankati €832 fis-sena għal kull 'fridge' miftuħa u €219 fis-sena għal kull 'fridge' bil-bibien tal-ħġieġ (bil-prezz tal-elettriku jkun 0.20 euro/kWh)

Il-kumpanija Enviro-Cool (UK) irċeviet €903,000 f'fondi mill-UE biex tkun tista' tipproduċi ir-RapidCool b'mod kummerċjali.

Michael Jennings, il-kelliem tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għar-riċerka, ix-xjenza, u l-innovazzjoni qal: "Dan il-prodott se jgħin lin-negozji jiffrankaw ħafna flus, iħarsu l-ambjent, u joħolqu aktar impiegi. Il-Kummissjoni hija kommessa li tkompli tinvesti aktar flus fi żvilupp ta' proġetti li jagħmlu differenza fil-ħajja ta' kulħadd."